**10 ta' Novembru, 1961**

**Imhallef:—**

**Onor. Dr. Jos. H. Xuereb, LL.D.**

Anthony Bonello

*versus*

Anthony Bugeja

**Kolliżjoni — Danni — Kumpannija tal-Assikurazzjoni — Fidejussjoni — Nullità — Obligazzjoni Illeċita — Art. 1028, 1030, u 1277(1)(c) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Garanzija ta' terza persuna għall-ħlas da parti ta' persuna oħra tad-danni kaġunati minnha fl-okkażjoni ta' kolliżjoni ma tiswiex, jekk ma tkunx saret bi skrittura; u għaldaqstant dik it-terza persuna mhix tenuta tħallas dawk id-danni jekk ma tkunx assumiet li tħallashom hija personalment, u mhux bħala garanti.*

*Imma jekk jirriżulta li assunzjoni tad-debitu għall-ħlas ta' dawk id-danni tkun ittieħdet, l-istess obligazzjoni hija nulla, bħala illeċita, jekk jirriżulta li ġiet assunta bħala effett ta' ftehim dirett biex jiġi akkwistat ammont ta' flus minn għand il-kumpannija tal-assikurazzjoni nteressata per mezz ta' dikjarazzjoni nveridika.*

*Il-kuntratt ta' assikurazzjoni hu wieħed tal-akbar bwona fede, u l-assikurat hu tenut jittutela l-interessi tal-assikuratur daqs li kieku kienu l-interessi tal-assikurat stess. U l-Qorti ma tistgħax tħalli jgħaddi inosservat il-fatt ta' ftehim li jsir bl-intiża li l-kumpannija tal-assikurazzjoni tħallas danni li mhix obligata tħallas, billi l-persuna li ma għandhiex tort fil-kolliżjoni tiddikjara falsament li t-tort kien tagħha.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li

ppremetta illi fl-14 ta' Mejju 1958, fi Crucifix Hill il-Furjana, impjegat tal-konvenut, Peter Camilleri, li kien qiegħed isuq karrozza tal-konvenut, mħabba nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti, ħabat mal-karrozza tal-attur, gwidata minn Joseph Bonello; u illi b'konsegwenza ta' din il-kolliżjoni l-karrozza tal-attur ġiet danneġġjata; u peress li l-konvenut assuma l-obligazzjoni li jħallas id-danni kollha riżultanti mill-imsemmija kolliżjoni; u illi l-konvenut naqas li jħallas, non ostante li ġie nterpellat għal dan l-iskop talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, (1) jiġu likwidati d-danni sofferti mill-attur minħabba fl-imsemmija kolliżjoni, (2) u l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma li tiġi likwidata minn din il-Qorti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

*Illi din hija kawża ta'* danni konsegwenti għal kolliżjoni bejn żewġ karrozzi, waħda misjuqa mit-tifel tal-attur u l-oħra minn chauffer allura mpjegat mal-konvenut. Oltre dan, però, hemm meritu ieħor, li jirrigwarda l-ftehim li sar bejn il-kontendenti wara l-istess kolliżjoni. Huwa appuntu in bażi għal dan il-ftehim li l-attur għamel il-kawża;

Illi l-attur qiegħed isostni li l-konvenut assuma l-obligu li jħallas hu dawn id-danni, mentri l-konvenut jgħid li hu daħal biss garanti tax-chauffer tiegħu, tant li qiegħed jeċċepixxi *l-eskussjoni ta' dan* ix-chauffer. Intant però, ebda skrittura ma ġiet prodotta; u ladarba garanzija trid tkun bil-miktub taħt piena ta' nullità, (art. 1277(1)(c) tal-Kodiċi Ċivili), għandu jiġi ritenut li, jekk ma hemmx assunzjoni tad-debitu, allura l-konvenut ma assuma ebda obligu validu skond il-liġi, u kwindi anqas ma hi applikabbli l-eċċezzjoni tal-eskussjoni;

Illi taħt dan l-aspett, u in vista tal-insistenza tal-attur li jottjeni assikurazzjoni ta' ħlas tad-danni, u mhux biss *ammissjoni ta' responsabbiltà*, u kif ġraw il-fatti, wieħed huwa ndott jaħseb li kien hemm assunzjoni tad-debitu da parti tal-konvenut, kemm il-darba jassumi li l-attur għall-

anqas kien jaf li l-garanzija trid tkun bil-miktub. Dan il-fatt ma jirriżultax, u l-Qorti hi tal-fehma, minn dak li jirriżulta mix-xhieda, li għall-anqas għall-bidu l-konvenut ma kienx dispost li jassumi d-dejn hu stess, u kien biss dispost, peress li allura x-chauffer kien impjegat miegħu, li jidħol garanti tiegħu, billi kien ċert li kien jista' jġiegħel lil dan iħallas, jew jitħallas minn għandu jekk ikollu jħallas hu stess. Dan l-atteġġjament, però, tbiddel, fil-ħsieb tal-Qorti, meta huwa ra li bil-ko-operazzjoni tal-attur hu setà jitħallas mill-ewwel tad-danni tiegħu billi l-attur kien kopert minn assikurazzjoni li tippermetti dan, purkè l-attur kien fit-tort. Billi ż-żewġ kontendenti kienu persważi li t-tort kien tax-chauffer impjegat mal-konvenut, u mhux ta' iben l-attur, hu raġjonevoli li wieħed jimmaġina li l-konvenut, biex iħajjar lill-attur jagħmel dikjarazzjoni mhix vera, assuma d-dejn hu stess; dan il-fatt, infatti, allura ma kien jimporta ebda responsabbiltà speċjali, billi kien dejjem fil-pożizzjoni li jitħallas minn għand ix-chauffer. Dan kien ħalla f'idejh biex jirranġalu. Fuq dan il-punt, għalhekk, il-Qorti tħoss li għandha taqbel mal-perit fejn qal li l-konvenut assuma li jħallas hu d-danni fil-konfront tal-attur, u mhux biss daħal garanti għalihom; b'mod li hemm lok għar-riġett tal-eċċezzjoni opposta mill-konvenut f'dan ir-rigward;

Ikkunsidrat;

Illi mill-mod kif formulata ċ-ċitazzjoni, u mill-mod kif xehed l-attur, wieħed jifforma l-opinjoni li l-ftehim dwar il-"claim" li kellu jagħmel u għamel l-istess attur lill-kumpannija tal-assikurazzjoni tiegħu, biex il-konvenut jitħallas tad-danni li sofra (u dan b'vantaġġ ukoll tax-chauffer responsabbli għalihom) sar f'perijodu sussegwenti. Li kieku sar hekk, allavolja, kif sejjer jingħad, dan l-aġir tal-attur kien jibqa' dejjem kundannabbli għax ħażin fih innifsu, l-assunzjoni tad-debitu magħmula favur tiegħu mill-konvenut kienet tibqa' valida; kif ġa ntqal, però, mix-xhieda mismugħa quddiem il-perit, u anki fl-apprezzament tal-istess perit u minn ċerti dikjarazzjonijiet fil-proċess wara r-relazzjoni peritali, ma jirriżultax li sar hekk; u anzi jirriżulta li l-assunzjoni tad-dejn da parti tal-konvenut kienet parti mill-ftehim ġenerali, li kien anki jikkomprendi l-proċedura tal-"claim" da parti tal-attur lill-kumpannija tal-assikuraz-

zjoni għall-iskop imsemmi, b'mod li l-validità tal-istess assunzjoni tiddependi wkoll mill-validità ta' dan il-ftehim ġenerali li tiegħu hi parti. Biex tissemma ċirkustanza li twassal għal din il-konklużjoni, basta li wieħed isemmi x-xhieda ta' Joseph Bonello, iben l-attur stess, li jixhed (fol. 56) li dan il-ftehim l-attur qallu li kien intlaħaq dak inhar stess tal-kolliżjoni, u mhux, kif jgħid l-attur (fol. 51), xi jumejn wara, meta mar bl-istima tat-tiswijiet. Dan ifisser, infatti, li l-konvenut assuma li jħallas in kwantu l-attur kellu jipprokuralu d-danni tiegħu (i.e. tal-konvenut) minn għand il-kumpannija tal-assikurazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti ma tistgħax ma tirrilevax in-natura immorali, u kwindi illeċita, ta' kuntrattazzjoni simili, biex tiġbed il-konsegwenzi li għandha tiġbed minn fatt simili. Infatti, hawn għandna ftehim dirett biex jiġi akkwistat ammont ta flus per mezz ta' dikjarazzjoni nveridika. Biex wieħed jipperswadi ruħu li hu hekk, basta wieħed jaqra x-xhieda espliċita f'dan is-sens tal-konvenut (fol. 62), fejn jingħad li l-attur kellu jgħid li l-kolliżjoni saret tort ta' ibnu, mentri fil-fatt hu kien jirritjeni li kellu tort ix-chauffer impjegat mal-konvenut — kien ukoll jirritjeni hekk iben l-attur, u l-konvenut stess — biex il-kumpannija li kien assikurat magħha l-istess attur tħallas (fit-termini tal-"policy" li kellu) il-ħsara riportata fil-karrozza tal-konvenut. Jekk dan, mbgħad, mhux biżżejjed hemm l-elokwenza tad-differenza bejn id-deskrizzjoni tal-inċident kif saret lill-kumpannija mill-attur (fol. 32 wara) u d-deskrizzjoni li ta ibnu fil-kawża (fol. 54/55). Issa, dan ma setgħax ma qalx l-istess ħaġa mill-bidu lill-missieru; u se maj seta' jipprova jnaqqas, u mhux iżid, it-tort tiegħu. Fil-fatt din hija d-deskrizzjoni kontenuta fid-dikjarazzjoni tal-fatti akkompanjanti ċ-ċitazzjoni; u anki l-atteġġjament tal-attur, depost minnu stess (fol. 48), meta fil-bidu x-chauffer Camilleri ried jixħet it-tort fuq ibnu; u l-premessi taċ-ċitazzjoni dwar dan il-punt juru li huwa jirritjeni differentement. Del resto, il-"claim" għamlu kif għamlu, jgħid huwa stess (fol. 51), "fuq is-suġġeriment, anzi skond ma kont ftehemt mal-konvenut", għalkemm żied jgħid "biex ngħin lil Peter Camilleri". Is-sottomissjonijiet tiegħu fl-ewwel nota ta'

osservazzjonijiet (fol. 90/91) ineħħu kull dubju li jista' baqa' fir-rigward. Huma wkoll enfasizzaw in-ness bejn l-obligu li assuma l-attur u l-obligu li in kontrakkambju assuma l-konvenut fil-ftehim li sar bejniethom, u li in forza tiegħu qiegħed appuntu jaġixxi l-attur. Is-sottomissjonijiet kontenuti fit-tieni nota ta' osservazzjonijiet (fol. 94/95) jitilfu mill-forza tagħhom meta wieħed jikkunsidra li saru wara li l-Qorti (ara verbal fol. 92) ġibdet l-attenzjoni tal-partijiet fuq in-natura tal-ftehim li kienu għamlu;

Illi l-Qorti tiddeplora ftehim simili u għandha bilfors tikkundannah; aktar u aktar li l-kuntratt ta' assikurazzjoni hu wieħed tal-akbar bwona fede, u l-assikurat hu tenut jittutela l-interessi tal-assikuratur daqs li kieku kienu l-interessi tal-assikurat stess. Li kieku l-Qorti kellha tħalli dan il-fatt jgħaddi inosservat, jew kellha ma tesprimix ruħha b'mod ċar fuqu, hemm il-possibbilità li każ bħal dan jiġi ripetut, u f'ripetizzjoni simili wieħed ikun intitolat jgħid li bis-silenzju jew tolleranza tagħha l-Qorti tkun approvatu. Huwa għalhekk li l-Qorti qegħdha tiddikjara ftehim simili immorali, u kwindi illeċitu u null minħabba illiċejità tal-oġġett u/jew tal-kawża relattiva (art. 1028 u 1030 tal-Kodiċi Ċivili). Għall-istess raġuni il-Qorti ma għandhiex tinteressa ruħha dwar l-adempiment jew l-ineżekuzzjoni ta' obligazzjonijiet li joħorġu minn kuntrattazzjoni simili, u ma tistgħax tikkostrinġi lill-konvenut li jeżegwixxi dak li hija tirritjeni derivanti mill-kuntrattazzjoni ritenuta nulla. Anki li kieku dak li kellu jagħmel l-attur jitqies bħala kondizzjoni tal-obligu assunt mill-konvenut flok oġġett jew kawża tal-ftehim, l-istess kienet tkun nulla l-obligazzjoni tal-konvenut mħabba illiċejità tal-kondizzjoni (art. 1097 ibidem);

Ikkunsidrat, fuq il-kap tal-ispejjeż;

Illi, għalkemm il-kuntrattazzjoni bejn il-kuntendenti hija nulla, u kwindi ma għandhiex tipproduċi ebda effett, iżda stante li l-idea tagħha ġiet aktarx minn naħa tal-konvenut, li iżjed hu prattiku f'affarijiet simili (kif irrileva wkoll l-perit); u għalhekk hu xieraq li jbati parti mill-ispejjeż, li ma jistgħux verament jissejħu effett tal-kuntrattazzjoni per sè. Jiġi osservat li hu ma ssollevax hu stess l-eċċez-

zjoni tan-nullità tal-obligazzjoni tiegħu. Din il-kwota għandha tkun b'xi mod proporzjonata għall-interess li hu kellu biex issir il-kuntrattazzjoni, paragunat mal-istess li kellu l-attur;

Għal dawn il-motivi;

Il-Qorti taqta' l-kawża billi (1) tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut li hu ma kienx assuma d-debitu favur l-attur u kien daħal biss garanti għad-danni li sofra l-attur, iżda (2) tiddikjara null, u kwindi bla ebda effett, il-ftehim bejn il-kontendenti li taħtu l-konvenut assuma li jħallas id-danni li sofra l-attur u ndikati fiċ-ċitazzjoni, u (3) konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi;

L-ispejjeż kollha, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, jinġabru flimkien u jitħallsu terz mill-attur u żewġ terzi mill-konvenut.